**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 14/2025**

**Laqgħa Numru 14**

19 ta' Frar, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, l-erbgha 19 ta' Frar 2025 fl-5.00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | - Sindku |
| Noya Spiteri Hammett | - Viċi Sindku |
| Martin Vella | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 1 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **14.01** | **Qari tal-ittri ta’ apoloġiji** |
| **14.01.01** | NIL |
| **14.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 14.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 12/2025 kif ukoll l-minuti tal-laqgha b’urgenza numru 13 għad-disa’ leġislatura permezz ta’ email lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br>Il-kunsillier Glauber Spiteri approva il-minuti tas-seduta numru 12/2025 u 13/2025 għad-disgħa leġislatura u l-vici sindku Noyah Spiteri Hammet issekondat. |
| **14.03.** | **Korrispondenza** |
| 14.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet is-seduta billi spjegatilhom il-kuntratt li għandu jingħata lil St George’s FC biex jieħdu ħsieb il-grawnd Peppi Delceppo, kif ukoll infurmathom li dan intbagħat permezz ta' email sabiex ikunu jistgħu jaraw eżattament x'għandu fih. Wara, spjegat li St George’s FC ma qablux mad-donazzjoni li trid tingħata lill-Kunsill. Hekk kif ġie diskuss mal-kunsilliera, lkoll qbilna li l-donazzjoni għandha tibqa' kif inhi għax hija raġonevoli. |
| 14.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi infurmathom li rċeviet email mingħand Surgent tal-Komunita, Evan Grech, fejn infurma li kull ilment li jixtieq jintbagħat lilhom jintbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex hi mbagħad tgħaddi l-ilment lis-surġent  biex jieħdu l-passi meħtieġa. Il-kunsilliera fehmu u qablu. |

| | |
|---|---|
| 14.03.03 | Email oħra mingħand is-Surgent Evan Grech, fejn għadielna konversazzjoni wara laqgħa mal-Sindku Marco Agius, fejn dan qiegħed jistaqsi jekk hux possibbli jitwaħħlu bollards fi triq il-Perit Dom Mintoff, minn ħdejn Gala sa Café Rouge. Il-kunsilliera qablu li jekk dan isir, ikun hemm ammont kbir ta' bollards, għalhekk qablu li jitwaħħlu 2 jew 3 bollards quddiem Gala. Is-Surgent Evan Grech kompla qal li jsiru pjanti fi triq San Mikiel, fejn lkoll ikkonfermajna li din diġà għaddiet mill-Kunsill, u s-Segretarju Eżekuttiv qiegħda tiġbor kwotazzjonijiet biex jinxtraw. Ikkonfermat ukoll li ha jinxtraw 100 siġra ta' ċitru sabiex inkunu nistgħu nitfgħuhom f'pots għat-toroq. Huwa kompla billi qal li jitwaħħlu bollards fuq Verdala minħabba parkeġġ illegali ta' vetturi fuq il-bankina. Il-kunsilliera qablu li, qabel ma jsiru bollards, għandu jkun hemm xahar sħiħ ta' infurzar mill-pulizija sabiex jiġi evitata l-parkeġġ illegali. Kompla billi qal li ħarġu l-idea li jingħataw permessi għar-residenti ta' fuq Verdala għal kull nhar ta' Tlieta filgħodu, minħabba li issa twaħħlu t-tabelli ta' "No Access" waqt il-ħinijiet tal-Monti. Wara diskussjoni mal-kunsilliera, qbilna li nitkellmu mal-pulizija tal-komunità biex naraw kif nistgħu nsolvu din il-problema u noholqu xi tip ta' struttura. Kif ukoll, il-kunsilliera diskutew u konkludew li għandu jsir laqgħa mal-Kunsill tal-Birgu biex naraw jekk jaqblux li nibagħtu email, biex jkollna s-support ta' xulxin biex isir infurzar minn Transport Malta waqt il-ħin tal-Monti. Is-Surġent ikonkluda billi talab li jsiru "Strictly No Entry" ħdejn ir-Regatta, fejn il-kunsilliera qablu u kkonfermaw li diġa hemm. |
| 14.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-kunsilliera li wara diskussjoni mas-Sindku Marco Agius, kif ukoll mal-Kunsillier Martin Vella, li għandu dekasteru tal-indafa, qablu fuq il-postijiet li għandhom jingħataw f'idejn il-Project Green biex jieħdu ħsiebom huma:<br>• Hubbard Flats<br>• Faċċata ta' Hubbard Flats |

| | |
|---|---|
| | • San Ġwann t'Għuxa Żgħira<br>• Taħt Kwartieri San Nikola<br>• Ħdejn il-Bandli quddiem il-Kunsill Lokali<br>Il-kunsilliera qablu ma' dan. |
| 14.03.05 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri infurma li fit-triq Sunny Aquilina qed tipparkja private, fejn qed tieħu 4 postijiet ta' parkeġġ, kif ukoll li dan mhux suppost jipparkja barra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tinforma lill-pulizija. |
| **14.04** | **Kommunikazzjoni mIs-sindku** |
| 14.04.01 | Is-Sindku Marco Agius beda billi talab li f'Dahlet Tliet Ibliet jitpoġġew siġar bil-fjuri u sbieħ. Il-flus li konna ser nieħdu bħala sponsor għal dawn is-siġar ser imorru għar-restawr tal-Kappella tan-Nativitá. Min ser jagħti l-sponsorship tkellem miegħu u qal li jippreferi jisponsorja din il-kappella. Għalhekk, qiegħed nitlob biex isir avviż, u min irid jisponsorja siġra tkun għal xi ħadd li ħalliena għal ħajja ta' dejjem u tkun tifkira tiegħu. Ma' kull siġra sponsorjata jkun hemm plakka żgħira. Il-kunsilliera qablu ma dan. |
| 14.04.02 | Is-Sindku Marco Agius talab biex isir kamera fit-triq John Pace, peress li nies qed jarmu hemmhekk. Il-Kunsilliera konkludew id-diskussjoni billi qablu li naraw kemm jiswew sabiex nagħmlu infurzar mill-uffiċjali tal-LESA jew Environment and Resources Authority. Kif ukoll, nigbru l-ammont ta' ċitazzjonijiet li saru mill-kameras u naraw xi tkun l-aħjar għażla. |
| 14.04.03 | Is-Sindku infurma li ltaqa' ma' tobba ċiniżi li huma esperti tal-*Acupuncture,* fejn avviċinawna u esprimew l-interess tagħhom li jagħmlu wirja tas-servizzi tagħhom f'Bormla fid-9 ta' Marzu, ġewwa Dock 1. Minn naħa tal-kunsilliera, ma sabu l-ebda oġġezzjoni, għalhekk irridu niccekkjaw mal-AUM biex naraw jekk issibux xi oġġezzjoni. |

| | |
|---|---|
| 14.04.04 | Is-Sindku infurmhom li ma kienx hemm konkorenza u interess fuq il-ballu tal-Karnival, għalhekk diskuta mal-kunsilliera x'jaħsbu jekk inbidlu l-pjan għall-interess tar-residenti ta' Bormla. Il-Kunsillier Glauber Spiteri qal li jaħseb li għandu jsir barra, kif ukoll infurmahom li rnexxilna nġibu xi partijiet mill-karrijiet tal-Karnival, u b'hekk nistgħu nżejnu l-pjazza bihom, kif ukoll jitwaħħlu l-bnadar. Minflok isir ballu, jsir ċelebrazzjoni quddiem il-Każin tal-Banda, jsir żfin, iddoqq il-banda, jisfnu l-grupp tal-line dancing, u naraw jekk ikunx hemm interess li jiġu juru żfin tal-Karnival tagħhom. Kunsilliera kollha qablu |
| 14.04.05 | Is-Sindku nfurmahom li bosta anzjani minn Bormla qed jitolbu li s-servizz tal-vann jibda jagħti servizz biex iwassalhom sgħand tal-Laħam. Peress li bħalissa m'għandniex xufier, għandna nħallu s-servizz kif inhu, u malli jkollna xufier, nirriformaw it-trasport. |
| 14.04.06 | Is-Sindku infurmahom ukoll li l-Ambaxxatur tal-Kosovo kellemna li hemm skola f'Prishtina li jixtiequ li jiġu f'Malta jżuru skola sekondarja, u kif ukoll wara, studenti Maltin imorru l-Kosovo biex jaraw id-differenzi fl-iskejjel bejn il-pajjiżi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li għandha titkellem mal-Head tas-Sekondarja biex naraw jekk humiex interessati. Kif ukoll, rridu niċċekjaw jekk hemmx xi fondi apposta għal dan il-ġemellaġġ. |
| 14.04.07 | Is-Sindku fakkarhom li fl-20 ta' Marzu għandna jkollna żjara mill-Arċisqof, għalhekk qalilhom li għandu ħsieb li l-Madonna li saret f'Hubbard Flats minn Tourism Zones tiġi mbierka mill-Arċisqof qabel titpoġġa f'postha. Il-Ċelebrazzjoni għandha ssir fil-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu wkoll li għandna nagħmlu xi ħaġa żgħira lill-impjegati tat-Tourism Zones bħala apprezzament tax-xogħol li qed jagħmlu. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 14.04.25 | Is-Sindku Marco Agius qalilhom li kelmuh xi residenti dwar antenna li twahlet tal-Epic. Il-Kunsillier Glauber Spiteri qalilhom li kien hemm xi ilment fuq ix-xogħol fejn jaħdem hu, u li qegħda tiġi segwita mal-Planning Authority. Kif ukoll, Martin Vella infurmhom li għandu informazzjoni li hemm xi petizzjoni minn residenti biex titneħħa. |
| **14.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 14.05.01 | Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet rigward 2 bozzoz maqtugħin quddiem il-White Cross. Is-Sindku wieġeb li nafu li hawn problema li ħafna toroq qegħdin bla bozzoz, u lkoll nafu li qed jieħdu żmien biex isiru. Qalilhom li tkellem mar-regjun u infurmawh li qegħdin f'diskussjoni biex titranġa din is-sitwazzjoni. Kif ukoll, is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li l-Contract Manager qiegħed jagħmel lista ta’ bozzoz f’toroq f’Bormla biex ikollna rendikont. Kif ukoll informathom li talbet lil contracts manager biex jibda jibgħat monthly report ta’ xi jkun sar. |
| 14.05.02 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-flatijiet fit-Triq Hanover jekk għandniex indikazzjoni ta' meta ser ikunu lesti. Is-Sindku infurmah li fi żmien l-elezzjoni l-Ministru kien assigurah li f'Diċembru ser ikunu lesti. Huwa qal li jaħseb li l-aħjar hu li tintbagħat email mill-Kunsill biex naraw meta ser jitlestew, sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jirrispondu lir-residenti meta jigu mistoqsijin. |
| 14.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa wkoll dwar x'qiegħed jiġri mid-dar tal-anzjani f'Bormla. Is-Sindku wieġeb li m’għandux rispons, għax ħadd ma infurmah dwar x’ser isir minn dik id-dar. Għalhekk, il-Kunsilliera qablu li għandhom ikunu infurmati x’ser isir minnha. Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tibgħat email biex naraw x’ser isir. |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 14.05.04 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar Triq John Pace, jekk bagħatnix minn naħa tagħna biex tiġi magħmula one way. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-email intbagħtet fit-8 ta' Novembru u l-aħħar reminder intbagħat fit-17 ta' Jannar, pero għadna mingħajr risposta. |
| 14.05.05 | Il-Kunsillier Martin Vella saqsa biex jiċċekkja jekk ma ntbagħtetx l-email biex ninfurmawhom li nixtiequ li l-gate taħt il-Mina ssir replika ta' kif kienet, kif ukoll biex iżidu dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-email intbagħtet fis-17 ta' Jannar lil Kylie Ann Borg Marks. |
| 14.05.06 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa wkoll rigward l-EPOS machine biex jara jekk hux ha ngibuha fil-Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiv ikkonfermat li għandha appuntament il-bov nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar biex tiċċekkja kif nistgħu nimplementawha. |
| 12.05.07 | Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet rigward it-Triq il-Madonna tal-Grazzja u l-bankini tal-faċċata. Is-Sindku infurmaha li ltaqa ma' rappresentant tal-Infrastructure Malta, li wegħdu li għandhom jibdewhom. |
| 12.05.08 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri ssaqsa dwar Triq Dun Victor Cilia, u is-Sindku ikonfermalu li dik it-triq hija waħda minn dawk it-toroq li talab biex issir. |
| 12.05.09 | Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet dwar iż-żibel li hemm ħdejn il-lift biex naraw jekk jistax jiġi rappurtat. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li ġew rapportati kemm iż-żibel kif ukoll il-lift. Public Works infurmawna li kien hemm vandalizmu, u li qegħdin jippruvaw jaraw min seta jagħmel dan il-vandalizmu. |
| 12.05.10 | Il-Kunsilliera Rita Spiteri staqsiet dwar iż-żebgħa ta' Triq San Gwann, kif ukoll fuq iċ-ċnut mkissrin fit-triq San Ġwann T'għuxa. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li sar xi xogħol, iżda trid titkellem mal-ħaddiema biex jikkonfermaw jekk sarx f'dik it-triq. Kif ukoll, spjegat li fuq iċ-ċnut kien hemm |

| | |
|---|---|
| | tender, u kuntrattur intgħażel, iżda kien hemm problema bl-assigurazzjoni, li kellha tiġi sottomessa lill-Planning Authority. Il-problema tal-assigurazzjoni issa suppost hija solvuta, u l-perit bagħat lill-Planning Authority biex jintbagħat il-permesssabiex il-kuntrattur ikun jista' jibda x-xogħol. |
| **12.06** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 12.06.01 | Is-segretarju Ezekkutiv bghatet imejl -iskeda numru 8 għad-9 leġislatura u l petty cash ta' Jannar 2025<br><br>Il kunsillier Glauber Spiteri approva skeda numru 8 ghad 9 legislatura waqt li l-kunsilliera Rita Gatt issekondat.<br><br>Kif ukoll il-kunsillier Martin Vella approva il petty cash ta Jannar numru 7 waqt li l-kunsillier Glauber Spiteri isskondah. |
| **14.07** | **Mozzjonijiet** |
| 14.07.01 | Mozzjoni Numru 49/2025 (IX)<br><br>Seduta Numru 14/2025 (IX)<br><br>Għeziez,<br><br>Nixtieq li issir talba sabiex issir bozza fi triq il-Pellegrinagg vicin il-hanut 'Family Grocer'.<br><br>Grazzi,<br><br>Proponent: Glauber Spiteri ________________<br><br>Sekondant : Noyah Spiteri hammet ________________<br><br>Il-kunsilliera kollha qablu. |

| | |
|---|---|
| 14.07.02 | Mozzjoni Numru 50/2025 (IX)<br><br>Seduta Numru 14/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br><br>Nixtieq li nghaddu l-iskemi biex meta jkun jinhargu dawn l-iskemi nkunu nistghu napplikaw ghalihom:<br><br>**SPI.SCI.02.2025 -** Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026<br><br>**SPI.SCI.03.2025 -** Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025<br><br>**SPI.SCI.04.2025** - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025<br><br>Proponent : Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant : Martin Vella ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma din il-mozzjoni. |
| **14.08** | **Rapporti** |
| 14.08.01 | Ntbaghat l-annual report and financial statements 31 ta' Dicembru 2024. Il-kunsilliera approvaw dan ir-raport. |
| **14.09** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 14.09.01 | Is-seduta giet mtemma 18:30 ta filgħaxija u ġiet aġġornata għal 20 ta' Marzu fil ħamsa. |

Konfermati, illum 20 ta' Marzu, 2025

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________ | _____________________ |
| **Marco Agius** | **Crystal Degabriele** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |